

Brussell, 1 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0214(NLE)
2018/0189(COD)

12384/19
ADD 1 REV 1

PI 129
CODEC 1407

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 6928/19	
Nru dok. Cion:	11510/18 + ADD 1
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi - Adozzjoni - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni konġunta mill-Ġermanja, Franza, il-Portugall u l-Polonja

Aħna nappoġġaw l-adeżjoni ppjanata tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG), sabiex tkun tista' teżerċita kif suppost il-kompetenza esklussiva tagħha għal denominazzjonijiet ta' orġini u indikazzjonijiet ġeografiċi fis-sistema ta' Lisbona. Mal-adeżjoni, l-UE ser tkun obbligata li tirrikonoxxi sistema ta' protezzjoni li tinkludi wkoll prodotti mhux agrikoli. Għalhekk huwa essenzjali li d-denominazzjonijiet għall-prodotti mhux agrikoli jingħataw protezzjoni fl-UE malajr kemm jista' jkun. Aħna nitolbu lill-Kummissjoni tippreżenta tali proposta għal regolament malajr wara l-adeżjoni mal-Att ta' Ġinevra.

Dikjarazzjoni min-Netherlands

In-Netherlands jappoġġaw l-adeżjoni ppjanata tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìgini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG), sabiex tkun tista' teżerċita kif support il-kompetenza esklussiva tagħha għal denominazzjonijiet ta' orìgini u indikazzjonijiet ġeografiċi fis-sistema ta' Lisbona. In-Netherlands jaċċettaw il-proposta ta' compromess attwali, peress li l-proposta ma tmurx lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni attwali skont il-liġi tal-UE.
